# KUNSILL LOKALI – L-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**


Minuti tas-seduta numru disgħa u disgħin (99) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar il-11 ta' Ġunju, 2012, fis-6:30pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Noel Galea | Sindku |
| | Nicholas Briffa | Deputat Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba u talab sabiex il-KLM jiskuża lil Charles Farrugia li ċempillu u qallu li ma setgħax jattendi għal-laqgħa tal-llum.

2. Il-minuti tas-seduta numru tmienja u disgħin kienu meħuda bħala moqrija approvati u ffirmati bil-korrezzjonijiet li xtaqu l-kunsillieri, wara li kienu ntbagħtu dal-għodu stess mis-SE wara li ingħata l-korrezzjonijiet tas-Sindku fl-istess għodwa.

3. Grace Marie Mallia talbet li titniżżel bħala skużata għal-laqgħa numru tmienja u disgħin peress li kellha funeral Għawdex fl-istess ħin u fil-fatt attendiet biss għad-*drink* li nżamm wara l-laqgħa tal-KLM mal-Kumitat Ċentrali tas-Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju. Hawn is-Sindku qal li anke d-Deputat Sindku kien skużat filwaqt li s-SE qal li hu ma kienx infurmat bl-assenza tiegħu dak in-nhar.

4. Is-Sindku issospenda l-laqgħa fis-7.00pm biex ikun diskuss il-proġett tal-KLM, mal-Perit A. Bezzina. Dan fid-dawl tal-e-mail li konna irċevejna mill-perit illi s-Soċjeta' Santa Marija be ħsiebha tagħmel il-proġett tagħha, dak ta' statwa viċin il-proġett tal-KLM propju fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti.

5. Il-Perit Bezzina qal illi l-emendi li saru fuq il-proġett kienu biss fuq il-*litter bins* u l-ħajt (ċint) tad-dawra tal-ġnien in-nifsu. Infatti hu qal illi l-linji baqgħu kif kienu dawk oriġinali, kif ukoll il-*planters* b'riferenza speċjali għal dawk tan-naħa ta' fejn hemm l-istatwi u fejn hemm il-*bus shelter* eżistenti. Il-kunsillieri qalu illi fid-*drink* li nżamm wara l-aħħar laqgħa tal-KLM mas-SMMTĠ, l-istess kumitat kellu f'idejh il-pjanti (mhux xtieli) li huma differenti minn dawk tagħna. Tant, illi jidher illi fejn hemm il-*bushes* (arbuxxelli) issa jidher li ġej bil-pavimentar, propju fis-sit fejn hemm bħal issa l-*bus shelter.* Pero' s-soċjeta' ma ħallitilniex kopja ta' dawn il-pjanti. Il-Perit Bezzina li miegħu qablet ukoll Grace Marie Mallia, qalu illi l-*hatching* fuq il-pjanti li juri l-pavimentar jista' jkun li jvarja minn *printer* għall-ieħor għaliex ma jkunx *printer* apposta li jipprintja l-pjanti iżda l-Perit qal li l-aħjar li jara l-pjanti li għandhom is-SMMTĠ ħalli jkun jista' jirrispondi d-domandi. Il-pjanti li kellhom is-SMMTĠ kienu stampati b'mod li juri pavimentar mhux skont kif applika għalih il-KLM mal-MEPA fil-permess. Hawn, kemm is-Sindku kif ukoll Paul Spiteri baqgħu isostnu li mhux l-istess pjanta li għandu bħalha l-Kunsill kellhom f'idejhom tal-kumitat, iżda oħra li turi pavimentar flok arbuxxelli.

6. Il-Perit A Bezzina qal illi sar żball meta applika għall-istess Soċjeta' Sta Marija ħaddiema mill-uffiċċju tiegħu dwar dan il-proġett, u biex jikkoreġġi ruħu dan, hu issa rtira l-każ kollu għaliex il-proġett issa qed jiġi amministrat minn perit differenti. Hu saħansitra qal, illi kellu laqgħa mas-SMMTĠ dwar dan il-każ.

   (a) Paul Spiteri staqsa jekk ikollha ssir oġġezzjoni mal-Unjoni Ewropeja (UE), tistax taffetwa l-fondi tal-UE. Hawn il-Perit Bezzina qal illi hu ma jistax jagħti garanzija dwar proġett li issa ġie propjeta' (stewardship) ta' perit ieħor – xi ħaġa li ddeskriva illi jibqa' *copyright* tal-istess perit, li fih jista' "jaqleb kollox rasu 'l isfel".

   (b) Grace Marie Mallia staqsiet lil Perit Bezzina jekk jiżdied proġett fil-konfini tal-proġett tal-KLM u l-audit mill-UE jkun għadu ma sarx, f'dak il-każ x'jiġri? Il-flus għal proġett

tagħna jittieħdu xorta? Il-perit qalilna li qed jittieħdu r-ritratti u l-KLM se jilħaq ilesti l-proġett tiegħu sakemm isiru proġetti oħrajn.

7. Għal mistoqsija jekk il-proġett tal-KLM hux se jkun lest sal-festa ta' Sta Marija, il-Perit flimkien mas-Sindku qablu illi dan żgur se jkun lest sa dak in-nhar iżda għal mistoqsija oħra ta' Nicholas Briffa jekk hux se jkun lest bit-toroq b'kollox, il-Perit qal illi dan jiddependi minn *Transport Malta* peress li t-triq hija arterja. Tant hu minnu dan, illi l-KLM sema' bil-proġett ta' tpoġġija ta' statwa propju minn *Transport Malta* meta talbuna jekk il-KLM isibx oġġezzjoni għal din l-istatwa f'*junction* li hija fir-responsabbilta' tal-Gvern Ċentrali.

8. Is-SE qal illi jekk kemm-il darba wara li jitlesta l-proġett tal-KLM titħaffer xi ħofra għal pedestal tal-istess statwa fuq il-pavimentar ta' kobor bħalma tħaffret fi Ġnien il-Ġibjun mis-SMMTĠ, allura jkun ħala ta' flus fil-vojt la nafu li se jsir proġett b'pavimentar illi possibilment li dan ukoll se jelimina il-*planters* li hemm fuq il-pjanta eżistenti tal-KLM. Il-Perit qal illi l-istatwa li kienet diżinjata mill-uffiċċju tiegħu għas-Soċjeta' Mużikali Sta Marija mhix ta' kobor bħal dik li se kienet inawgurata mis-SMMTĠ fi tmiem il-ġimgħa li għaddiet. Madankollu għal dawn il-mistoqsijiet il-Perit issuġġerixxa illi l-KLM jagħmel laqgħa mas-Soċjeta' Sta Marija. Is-Sindku insista illi għandu jsir ix-xogħol skont il-permess u kif antiċipat mill-KLM, u wara, jekk imbgħad ikollhom l-approvazzjoni mill-MEPA, jaqilgħu dak li jkun sar mill-KLM biex jaġġustaw skont il-permess tagħhom. Is-Sindku għamilha ċara mal-Perit illi l-proġett tal-Kunsill Lokali għandu jsir skond il-permess maħruġ lilu madwar tliet snin ilu, ħlief għal *minor amendments* imsemmija aktar 'il fuq.

9. Il-perit telaq mil-laqgħa fit-8:00 pm u l-KLM kompla bl-agenda tiegħu.

10. Dwar il-proposta ta' Paul Spiteri illi fil-Pjazza tal-Knisja jitwaħħal *wireless internet* biex ikun aċċessibbli min-nies li speċjalment jiffrekwentaw il-ħwienet, knisja u l-każini, hu ppreżenta abbozz ta' ftehim propost mill-Kurja biex ikunu nstallati *wireless modem* fi propjeta' tal-parroċċa – liema ftehim kien moqri minnu stess u kopja tiegħu kienet mogħtija lis-SE peress li flimkien mas-Sindku se jkunu l-firmatarji tiegħu. Dan sar wara li Paul Spieri bagħat l-*e-mail* lill-kappillan fejn dan tal-aħħar qallu li hu personalment ma jsibx oġġezzjoni iżda peress li l-propjeta' mhix tiegħu personali, bil-fors kellha tidħol il-Kurja. Il-KLM qabel ma dan il-kuntratt filwaqt li s-SE qal illi se jara jekk propju minn hawn fil-Kunsill jistax jingħata dan is-servizz li jkun aċċessibbli saħansitra mill-Pjazza tal-Knisja. Fil-fatt hu diġa' ikkuntattja lil *Malta Communications Authorituy* kif propost mis-Sindku fl-aħħar laqgħa*,* li tagħhom għandna wieħed miż-żewġ servizzi tal-*wireless internet* li dawn minn naħa tagħhom irreferewh għal nies tekniċi bħalma hi l-kumpanija *Cisco.* Infatti uffiċjal ta' din il-kumpanija ftiehem mas-SE sabiex jiġi jara għaliex is-suċċesss jiddependi ħafna mil-loġistika u jekk ikunx hemm bini fin-nofs (bejn il-KLM u l-Pjazza). Din l-inizjattiva tas-SE ittieħdet biex possibilment il-KLM jiffranka il-ħlasijiet u l-obbligi ta' linja tat-telefon, *internet subscription* u ħlas ta' elettriku li jkun irid jitħallas lill-Parroċċa fil-każ illi l-KLM ikollu bil-fors minħabba raġunijiet tekniċi jopera mill-istess bini parrokkjali.

11. Is-Sindku qal illi fi Triq Ħal Kirkop tlestew ix-xogħlijiet ta' tħaffir u l-kuntrattur beda' l-*culvert* fi Triq iż-Żurrieq. Pero' qal illi dan waqaf nhar is-Sibt minħabba l-festa u anke nħaslu t-toroq biex innaqqsu it-trab. Is-Sindku qal illi se jitkompla ix-xogħol fuq is-*service road* tal-*By-Pass* (fil-parti li fadal) propju għada, għaliex inqalgħet il-ħsara fuq il-makna tat-tarmak tal-kuntrattur Asfaltar Ltd. Intant se jitkompla x-xogħol fuq il-*culvert* tar-*runoff water* fi Triq iż-Żurrieq għal Triq Ħal Kirkop.

12. Noel Galea qal illi tal-Melita plc, l-Go plc u l-Korporazzjoni Enemalta mhux lesti jidħlu għal spejjeż huma fejn tidħol l-infrastruttura fi triq Ħal Kirkop. Dan permezz ta' e-mail li poġġiha fuq il-mejda għax skont huma, meta tpoġġew is-servizzi tagħhom, dawn niżlu f'fond dkont il-kriterji. Dan biex insolvu l-problema li għandna tal-livelli. Allura se jkun qed jibqa' jopera *culvert* eżistenti għaddej minn taħt it-triq filwaqt li dan se jitħaxxen ħalli jilqa' għal volum kbar ta' ilma tax-xita. Is-Sindku qal illi l-proġett pilota tal-KLM irid ikun lest sat-tielet ġimgħa ta' Lulju.

13. Paul Spiteri irrapporta l-ilma ħiereġ minħabba ħsara fi Triq is-Siġġiewi fil-parti li tagħlaq minħabba l-*fence* tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. Hu qal illi qed jinħela ammont kbir ta' ilma.

14. Is-Sindku żamm lill-kunsillieri aġġornati illi hu kien infurmat illi *Transport Malta* se jwettqu l-kostruzzjoni adekwata għas-spejjeż tagħhom ta' Triq tas-Sejba. Dan fil-parti illi niżlet it-triq minħabba l-piż ta' vetturi goffi li jgħaddu minn hemm u wara li rriżulta minn spezzjoni li saret illi daħal l-ilma taħt it-triq minn naħa tal-barriera mirduma.

15. Dwar il-proġett tal-Mentna, Nicky briffa staqsa jekk hux se nkunu obbligati illi nipproduċu evidenza illi l-*Heritage Trail* qed taħdem bħala turija tas-suċċess tal-proġett. Is-Sindku wieġeb illi aħna rridu nkunu xprun sabiex jibdew jiġu t-turisti li jistgħu ikunu maltin, sabiex iżuru ir-raħal tagħna u f'każ li ma jirnexxielniex, jista jkun hemm il-multi imposti fuqna mill-Unjoni Ewropa. Hu saħaq li dan hu *commitment* għall-kunsilli tal-futur biex nonoraw l-applikazzjoni tagħna stess. Nicholas Briffa qal illi peress li l-katakombi mhux f'idejn il-KLM, se jkun impossibbli li noffru din il-garanzija. F'dan il-punt Paul Spiteri qal illi minn naħa tagħna qed nissuġġerixxu li *Heritage Malta* jagħtuna iċ-ċwievet biex imbgħad isiru speċi ta' *tickets*. Madankollu Nicholas Briffa staqsa illi jekk dawn it-*tickets* mhux se jkunu bil-flus, għaliex kull min ġej mhux se jħallas, dawn mhux se jkunu evidenza adekwata għaliex m'hux se jkun hemm x'nuru illi l-fondi daħlu l-bank bħalma jsir fi kwalunkwe introjtu ieħor tal-KLM. Is-Sindku qal illi jista' japplika *DPL number* li jkun evidenza biżżejjed. Hu qal illi fil-fatt in-numru ta' barranin li kien suġġerit fl-applikazzjoni hu wieħed modest, biex il-viżitatur ikun ra l-istess katakombi u fil-verita' wettqu l-*heritage trail*. Noel Galea qal illi jrid ikun hemm *sub committee* biex jara 'l dan il-proċess li jkun qed jaħdem u ssuġġerixxa li Grace Marie Mallia tkun membru tiegħu peress li għandha taħt ir-responsabbilita' tagħha l-Wirt Storiku u t-turiżmu. Is-Sindku kompla illi aħna għandna l-obbligu li naraw li dan jirnexxi.

16. Intant, kien konfermat illi l-Iskola tal-Imqabba ġiet it-tieni wara l-Iskola tal-Gudja f'dak li hu riċiklar ta' skart. Dan kien imħabbar lis-Sindku waqt attivita' li fiha kien involut hu. Kopja tar-riżultat se jidher din il-ġimgħa fil-ħarġa tal-fuljett li jmiss.

17. Matul din il-ġimgħa l-kuntrattur tal-KLM se jwaħħal il-barikati tal-ħadid li ġratilhom il-ħsara fi Triq tas-Sejba. Dan intqal mis-Sindku wara B Grima & Sons tkellmu miegħu permess tat-telefon. B'kollużżjoni ta' vettura bosta minn dawn il-barikati kienu ġarrbu ħsarat estensivi.

18. L-arblu tal-bandiera twaħħal mill-ġdid wara li s-Sindku qal li akkumpanja lill-kuntrattur. Hu qal illi dan minkejja li dan hu tal-*fibre*, l-arblu hu wieħed b'saħħtu ħafna u dan twaħħal wara intervent li sar mil-ħaddiema tagħna fejn kienet irranġata c-*central strip* u tħawwel il-ħadid provdut lis-SE wara li dan għamillu xi modifiki biex ikun jiflaħ aktar ħalli jagħmel tajjeb għaż-żamma ta' l-istess arblu bil-bandiera f'postu. Dan ix-xogħol kien ko-ordinat minn Paul Spiteri.

19. Is-Sindku reġa' fakkar lis-SE sabiex jerġa' jibgħat l-ittra lil-ETC fejn il-KLM qed jitlob lil persuna oħra sabiex tieħu post is-Sur Alfred Farrugia. Hu talab lis-SE jikkupjah fl-e-mail li se jibgħat lill-ETC.

20. Dwar l-għeluq tal-Pjazza tal-Knisja, il-KLM ma kienx jaf illi din se tingħalaq mis-Sibt, 9 ta' Ġunju u mhux mill-Ħadd, 10 ta' Ġunju. Dan għaliex il-KLM ma kienx avzat meta se jintrema l-planċier tas-SMMTĠ u lħaqna bagħatna l-ittra lill-*Transport Malta* li ma kienux iġibu d-dati bejn l-10 u t-18 ta' Ġunju, 2012.

21. Dwar il-ħarġa tal-fuljett li jmiss, is-Sindku qal li sa nhar l-Erbgħa 13 ta' Ġunju, dan se jkun tqassam fid-djar.

22. Il-*hedge* tal-*oleander* fi Ġnien Mikelanġ Sapiano li saret referenza għaliha fil-laqgħa preċedenti, inżabret mill-ħaddiema tal-*Environmental Landscapes Consortium (ELC).*

23. Grace Marie Mallia f'*e-mail* li bagħtet lill-uffiċċju innutat illi f'Misraħ il-Fidwa mhux qed tinġabar minnufih iż-żabra tal-*bushes* li jkunu qatgħu il-ħaddiema tal-*ELC.* Is-Sindku qal li dan l-aħħar hu osserva titjib fil-*performance* tagħhom u dawn mhux qed idumu biex jiġbru ż-żabra. Intqal ukoll li l-istess kuntrattur hu responsabbli mit-tindif (knis tal-passaġġi). Paul Spiteri osserva wkoll li f'dan is-sit hemm *litter bin* li jinsab rasu 'l isfel.

24. Dwar il-festa, is-Sindku irrimarka illi bħala ħinijiet addizzjonali, intbgħatu l-*Purchase Orders* li kien hemm bżonn mill-uffiċċju sabiex tinkines it-triq f'ħinijiet li mhux normali li tinkines, tinżamm miftuħa l-latrina għal aktar ħin fit-tul, jitpoġġew il-*mobile toilets* fil-by-pass, ecc. F'dan il-punt kien deċiż illi l-KLM jixtri voucher ta' €50 minn għand Music Link, biex ikun imsarraf f'affarijiet tal-mużika ħalli jkompli jgħin biex titkattar il-kultura tal-mużika fost l-Imqabbin.

25. Grace Marie Mallia irreferiet għal-laqgħa li dak in-nhar tad-*drink* li għamel il-KLM semmew li kellhom is-SMMTG mas-Sindku diversi xhur ilu li biha ma kienx jaf il-KLM. Hi qalet illi l-fatt li Noel Galea qal li din kienet laqgħa politika u ma kienetx waħda uffiċjali, u li din inżammet fil-Muniċipju, jimplika illi kien hemm użu ħażin tal-Bini Amministrattiv tal-KLM. Is-Sindku wieġeb illi hu jiltaqa' ma ħafna nies differenti fil-Kunsill li ġejjin minn kull sfera tas-soċjeta'. Dawn jitkellmu miegħu fuq kollox. Hu kompla li għandu kull dritt jiltaqa' ma min jixtieq jiltaqa' miegħu. Il-laqgħa ma kienetx uffiċjali għax kieku kienet tintbgħat agenda mis-SE kif isir normalment.

26. Is-Sindku semma' l-insistenza li saret fuq inizjattiva tal-KLM biex il-*bus shelters* il-ġodda jkunu relokati għas-spejjeż ta' *Transport Malta* u mhux għas-spejjeż tal-KLM. Is-Sindku ppreżenta *e-mail* oħra li tgħid li l-*bus shelters* se jiġu allokati post ġdid u l-ispiża ser tkoprija *Transport Malta.* Nicholas Briffa qal illi jidher li l-KLM kellu raġun f'din il-ħaġa, u biex jinqala' dak ta' Pjazza Ġublew tad-Djamanti u jitwaħħal fi Triq tas-Sejba l-KLM se jkun iffranka madwar €4,000. Nicholas Briffa sostna li din hi importanti għalina bħala kunsill li ma konna naħtu xejn fit-tibdil tar-rotot tat-trasport pubbliku.

27. Paul Spiteri semma' l-importanza li jerġgħu isiru l-*parking bays* fi Triq Santa Katerina qabel intrama' t-*tower crane* kif kienu qabel sabiex jiżdied il-parkeġġ.

28. Grace Marie Mallia filwaqt li talbet kopja tal-ilment li għamel uffiċjalment waqt laqgħa tal-KLM, ċertu Paul Mifsud, dwar it-tibdil tal-ħinijiet fl-iskeda tat-trasport pubbliku li hi insistiet ukoll li nibgħatu ittra mill-KLM, ikkritikat l-uffiċċju tal-KLM illi l-ittri qed idumu ma jintbgħatu filwaqt li jkunu fl-*out-trays* tal-impjegati (xi ħaġa li osservat hi). Hawn is-SE qal illi hu l-għada tal-laqgħa meta jkun hemm xi ittri x'jinkitbu, jiddraftjahom u jpoġġihom fuq id-*desk* tas-Sindku għal firma. Meta dawn ikunu lesti s-Sindku normalment jagħtihom lill-*istaff* biex jimpustahom wara li jittieħdu l-photocopies. Hawn is-Sindku qal illi meta jkun hemm xi korrezzjoni xi ssir, din l-ittra terġa' tmur quddiem is-SE jew l-impjegati sabiex jikkoreġġiha. Is-SE qal li din kienet il-prassi sa minn tmintax-il sena ilu.

29. Kienet approvata l-Purchase Request Form numru 439

30. Il-laqgħa ntemmet fid-9:29pm u l-KLM se jiltaqa' nhar il-25/6/12.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*25 / 06/ 2012 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |